MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 411/2004

Kawza fil-lista: 78

**W B P**
**vs**
**Z P**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti kienu kuntrattaw zwieg fil-21 ta' Frar 1996, kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg t'itfal, Y u X, it-tnejn minuri;

Peress illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba swat, eccessi, sevizzi, theddid u ingurja gravi, fost ragunijiet ohra validi fil-Ligi li rendew il-hajja konjugali impossibli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skont il-Ligi, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut;

Peress illi minhabba dawn ir-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, l-attrici kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali kontra qalbha flimkien ma' wlied il-partijiet;

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri Y u X ghandha tvesti unikament fl-attrici;

3. Tiddikjara li l-attrici u l-minuri Y u X ghandhom jirrisjedu fid-dar matrimonjali b' eskluzjoni tal-konvenut;

4. Tordna l-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li l-Qorti tqis gusta in linea ta' manteniment, kemm ghaliha u kif ukoll ghall-minuri Y u X;

5. Tordna li l-hlas ghall-manteniment ghandu japplika mid-data li fiha l-attrici giet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali;

6. Tordna li l-konvenut m' ghandux ikollu access ghall-minuri Y u X, u dan ai termini ta' l-Artikolu 57(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

8. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tassenja l-partijiet sehemhom mill-istess;

9. Tapplika u tikkomina d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48 u 51 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-konvenut u favur l-attrici.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Deskrizzjoni bin-numru 2219/04 ghall-konvenut li jibqa’ ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara li hu jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, jattribwixxi l-htija unikament lill-attrici fit-termini tal-artikoli 38 u 40 tal-Kapitlu16; u jichad dak attribwit lilu;

Rat il-kontro-talba li biha l-konvenut rikonvenzjonant ukoll talab is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, tort tal-attrici, minhabba l-adulterju taghha u episodji ta’ vjolenza domestika, fizika u psikologika, da parti taghha fil-konfront tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, li biha bazikament irribadiet dak li allegat u talbet fl-azzjoni taghha;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati, kif ukoll id-diversi rapport tas-social workers, u tal-Avukat tat-Tfal;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat [illum Imhallef] Dottor Mark Chetcuti;[1]

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment bi htija

[1] Vol.3 – fol.689 et seq.

reciproka. L-attrici qed tattribwixxi l-htija lill-konvenut fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kapitlu16, filwaqt li l-konvenut qed jattribwixxi l-htija lill-attrici fit-termini tal-artikoli 38 u 40 tal-Kapitlu16

Iz-zewg partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni personali.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwg fil-21 ta' Frar 1996, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal li llum ghadhom minorenni.

Wara konvivenza matrimonjali turbolenti, il-partijiet isseparaw de facto meta l-attrici telqet mid-dar konjugali f' Mejju 2004, u wara ftit gimghat saret taf u bdiet relazzjoni ma' Francis Barbara.  Min-naha tieghu l-konvenut ukoll illum ghandu relazzjoni extra-matrimonjali.

Illi, filwaqt li l-attrici tilementa li matul iz-zwieg il-konvenut kien vjolenti maghha, kemm psikologikament kif ukoll fizikament, u kien dominanti u possessiv fuqha;  il-konvenut min-naha tieghu jghid li martu kellha problema serja ta' alkohol, bir-rizultat li okkazzjonalment hi kienet tkun aggressiva anke fizikament fil-konfront tieghu. Jallega wkoll li martu kienet infidilha lejh, tant li kienet tittanta rgiel ohra anke quddiemu.

Illi fir-rigward, din il-Qorti tikkondividi pienament il-kostatazzjonijiet maghmula u l-konkluzjoni raggjunta mill-abbli perit legali. Taqbel li "dan iz-zwieg kien karatterizzat b' nuqqas serju ta' impenn u rispett reciproku da parti taz-zewg partijiet ..[u] kemm ir-ragel u kemm il-mara kellhom nuqqasijiet serji fil-konfront ta' xulxin li aggravaw tul is-snin sakemm wasslu biex il-partijiet isseparaw ghal rashom."[2]  Dawn in-nuqqasijiet kienu, l-aggressivita' tal-konvenut rizultat tal-komportament dominanti u possessiv fuq l-attrici, kif ukoll l-infedelta' taz-zewg partijiet.

Fil-fatt illum iz-zewg partijiet qed jghixu hajja separata flimkien mal-partners rispettivi taghhom.

---

[2] Vol.3 – fol.700

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg ta' bejn il-partjiet tkisser irrimedjabbilment, bi htija taz-zewg partjiet fit-termini tal-artikoli 38 u 40 tal-Kapitlu 16, liema komportament jattira fil-konfornt taz-zewg partjiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 ta' l-istess Kapitlu.

**Kura u Kustodja**
Illi, l-Qorti, wara li ezaminat il-provi in propozitu, u hadet debita konjizzjoni tar-rapporti ta' l-Avukat tat-Tfal, thoss li jkun fl-interess taz-zewg t'itfal minuri, Y u X, li llum ghandhom rispettivament circa 13 u 10 snin, li dawn jibqghu jghixu mal-omm bil-kura u kustodja legali kongunta bejn iz-zewg genituri, b'access adegwat favur il-missier.

Ghalhekk tordna li l-kura u kustodja tat-tfal tibqa' kongunta f'idejn iz-zewg genituri, filwaqt li t-tfal jbqghu jghixu mal-omm, b'access favur il-missier kif ser jinghad: kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-5.30pm sat-8.30pm, u darba matul il-weekend, u b' mod alternattiv, mill-Gimgha 7.00pm sas-Sibt 8.00 pm, u mis-Sibt 6.00pm sal-Hadd 7.00 pm.

Matul il-vaganzi skolastici estivi l-access fil-weekend ikun, mill-5.00pm sad-9.00pm.

Il-partijiet qed jinghataw il-fakolta' li, fl-interess tal-minuri, jvarjaw bi ftehim bil-miktub, il-granet u hinijiet tal-access tal-missier, purche' ma jinbidilx l-ammont tal-hin tal-access.

Il-partijiet qed jigu sollecitati mill-Qorti sabiex fil-kaz ta' xi dizgwid in propozitu jipprovaw isolvu l-istess b'mod amikevoli bejniethom fl-interess tat-tfal tenut kont tal-impenji tat-tfal.

**Manteniment**
Illi l-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin tenut kont tal-htija taghhom ghas-

separazzjoni personali. Inoltre partjiet wrew li huma kapaci jahdmu.

Illi dwar il-manteniment tat-tfal, il-Qorti tordna li *rebus sic stantibus* il-konvenut jhallas lill-attrici bhala sehemu ghall-manteniment taz-zewg t'itfal komuni tal-partijiet is-somma ta' mija u sbatax-il ewro [€117] kull erba' gimghat ghal kull wild minuri, sakemm il-minuri jsir maggjorenni, jew jibda jahdem bi qligh regolari u adegwat.

Illi rigward l-ispejjez edukattivi [inkluza l-mizata ta' l-iskola], il-Qorti tordna *rebus sic stantibus* li fil-kaz li t-tfal jibqghu, bi qbil bejn iz-zewg partjiet, jattendu skola privata, dawn ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwari [3/4] mill-attrici, u kwart [1/4] mill-konvenut, "tenut kont tal-paga dikjarata mill-mara u l-kondizzjoni ta' xoghol tal-konvenut".

Izda fin-nuqqas ta'qbil dwar dan, t-tfal ghandhom jintbaghtu skola tal-Gvern, u allura l-ispejjez edukattivi kollha ghandhom jinqassmu wgwalment bejniethom.

Illi l-ispejjez medici ta' natura straordinarja ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali bejniethom, filwaqt li dawk ta' natura ordinarja ghandhom jikunu a kariku tal-attrici.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-Qorti giet informata mill-konvenut li d-dar matrimonjali, il-garaxx u l-ghamara li kien hemm fid-dar inbieghu fil-mori tal-proceduri, bi qbil bejn il-partjiet, u mir-rikavat thallas id-debitu favur il-Bank of Valletta, u l-bilanc gie diviz bejn il-partijiet.[3]

Illi il-konvenut jghid fin-nota[4] tieghu li "[hu] ghadda lill-attrici s-somma ta' €3,494.03 rapprezentanti hlas ghas-saldu skont ir-rapport tal-perit legali, taht il-partita **Karrozzi u Flus il-Bank**."

[3] Vol.3 – fol.713 u fol.715
[4] Vol.3 – fol.715

Illi rigward id-depoziti bankarji, il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-rapport tieghu fis-sezzjoni ntestata **Flus il-Bank,** fil-pagni 18 u 19 tar-relazzjoni u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici A][5], u tordna l-assenjazzjoni tal-kontijiet kif hemm indikat.

Illi dwar il-karrozza Mercedes li l-konvenut fin-nota tieghu jghid li giet akkwista mill-attrici wara l-prezentata tar-rapport tal-perit legali, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi f' dan ir-rigward.

Illi rigward it-televixin li l-konvenut jghid li qighed fil-pussess tal-attrici u li ghad hemm dejn fuqu, il-Qorti tordna li dan is-sett, jigi trasferit lill-attrici li min-naha taghha ghandha thallas il-kumplament tad-dejn fuqu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija taz-zewg partijiet;

[2] tilqa' t-tieni talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa' ir-raba' talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment'; filwaqt li tichadha ghall-kumplament;

[5] tichad il-hames talba, stante wkoll li ma ngabux provi fir-rigward;

[6] tichad is-sitt talba;

[7] tilqa' is-seba u t-tmien talba, billi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[8] tilqa' id-disa' talba, u wkoll tordna l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront taz-zewg partijiet.

---

[5] Vol.3 – fols.707-707

L-ispejjez relattivi ghar-rapporti tal-esperti nominati ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet; filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------